**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Josric Mifsud]**

**vs**

**Anita Azzopardi**

**Kumpilazzjoni Numru: 508/14**

**Illum, 9 ta' April, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Anita Azzopardi detentrici tal-karta tal-identita` numru 579M akkuzata talli fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Mejju 2014 gewwa Tul il-Kosta, Bahar ic-Caghaq, Naxxar, ghall-habta ta' bejn il-hdax (2300hrs) u s-siegha (0100hrs) ta' filghodu,

a) bil-hsieb li toqtol lil ***Alfred Mamo*** wriet dan il-hsieb b'atti esterni u taght bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi saqqet il-vettura tal-ghamla ***Honda*** tip ***Civic*** bin-numru tar-registrazzjoni ***SWT003***, fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex ezegwiet minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghha

b) ikkommettit offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ***Alfred Mamo***

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra Anita Azzopardi, a beneficju ta **Alfred Mamo** u il-**familja** tieghu u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta,

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' **Alfred Mamo** u il-***familja*** tieghu jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena appllikabbli ghar-reat, torbot lill-***Anita Azzopardi*** b'obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xeraq.

Semghet il-provi.

Rat il-fedina tal-imputata li hija wahda netta.

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha hareg l-Artikoli li bihom jahseb li ghandha tinstab htija u cioe':-

(a) fl-artikoli 214, 215 u 218(1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikoli 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-atti tal-proces verbal redatt mill-Magistrat Dr. Anthony Vella u datat tlieta (3) ta' Gunju elfejn u erbatax (2014).

Rat illi tul dawn il-proceduri l-imputata Anita Azopardi u l-parte civile Alfred Mamo komplew bir-relazzjoni sentimentali taghhom.

Rat il-verbal tad-difiza datat sitta u ghoxrin (26) ta' Frar elfejn u tmintax (2018) fejn l-imputata irregistrat ammissjoni tal-akkuzi addebitati kontra taghha u fejn ikkonfermat tali ammissjoni anke wara li nghatat zmien opportun sabiex tahsibha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 214, 215, 218(1)(a)(2), 383, 384, 386 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata **Anita Azzopardi** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannha ghal sena (1) prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-imputata **Anita Azzopardi** ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal tliet elef, erba' mija u tnejn u hamsin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€3,452.24) fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imuptata r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**